BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 11**

**IL-ĦAMIS 25 TA' FRAR, 2010**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2010 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI ( Seba' Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi (daħal fis-7.05pm), Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**11/01** <u>**MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 10**</u>

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-kummenti tal-Kunsilliera u għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 10. Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

***Korrezzjoni***

11/01/01 Il-Kunsill approva li l-kliem fl-introduzzjoni **"Il-Kunsillier John Vella kien skużat"** għandhom jinbidlu ma' **"Il-Kunsillier John Vella bl-approvazzjoni tal-Kunsill attenda seminar fuq preżentazzjoni ta' stħarriġ fuq il-ħtiġijiet ta' Bormla. Għaldaqstant kien skużat."**

11/01/02 Il-Kunsill approva li f'paragrafu **10/08/02** għandhom jiżdiedu dawn il-kliem fil-bidu tal-paragrafu: **"Fuq proponiment tas-Sindku issekondat mill-Kunsillier Ray Balzan...."**.

11/01/03 Il-Kunsill approva li għandha tiżdied minuta **"10/08/04 – Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli qal li se jorganizza tournament tal-football b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Żgħażagħ Parroċċa Bormla (KZPB) fid-19 ta' Marzu, 2010. Il-Kunsill approva unanimament."**

**11/02** **<u>SKEDA TA' PAGAMENTI – JANNAR 2010</u>**

11/02/01 ***<u>Pagamenti Magħmula</u>***

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti magħmula f'dan l-aħħar xahar, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija (kopja annessa). Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

11/02/02 ***<u>Pagamenti li jridu jsiru</u>***

Is-Sindku ressaq ukoll il-lista ta' kontijiet li għad iridu jsiru għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti (kopja annessa). Il-Kunsill approva unanimament biex jitħallsu dawn il-kontijiet.

**11/03** **<u>ĦATRA TA' BORD TA' L-GĦAŻLA – IMPJIEG TA' SKRIVAN/A</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-lista ta' kwalifiki meħtieġa fir-rigward ta' l-impjieg ta' skrivan/a.

Il-Kunsill approva unanimament li l-Bord ta' l-Għażla għandu jkun magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-inqas tliet (3) Kunsilliera.

✧ **Il-Kunsillier James Cauchi daħal fis-7.05pm.**

**11/04** **<u>EVALWAZZJONI TA' OFFERTI KLBO 02/2009 u KLBO 03/2009</u>**

11/04/01 Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti li l-Heritage Malta ma approvawx li tiġi spostjata l-letter box minħabba li jista' jsirilha xi ħsara. Għaldaqstant, l-aċċessibilita' tal-Kunsill ġiet imxekkla minkejja li hija l-politika tad-Dipartiment li l-aċċessibilita' fil-Kunsilli għandha tkun għal kulħadd.

11/04/02 Ġie propost li l-Kunsill għandu jara jekk hux possibli li nieħdu xi fondi mill-Unjoni Ewropeja għax l-ispiża tar-rampa u l-lift hija tali li l-Kunsill ma jiflaħx għaliha għax ġie mogħti inqas fondi.

11/04/03 Il-Kunsill approva unanimament li nżommu t-tenders pendenti u naraw mad-Dipartiment dwar il-kundizzjonijiet u fondi li ġew allokati għal dan il-għan.

**11/05** **<u>PJAN TA' ĦIDMA 2010-2011-2012</u>**

Il-Kunsill ġie ppreżentat bi pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin. Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa mad-Direttur u xi uffiċjali oħra tal-Gvern Lokali fejn ġie spjegat li l-Kunsill mhux qed jitħallas fondi għal 73 triq jew partijiet minnhom li fil-maġġoranza tagħhom huma, turġien, sqaqien u toroq magħmula biż-żonqor.

Kien hemm rikjesta sabiex fil-pjan ta' ħidma titniżżel nota li l-Kunsill lest li jikkunsidra parteċipazzjoni fi proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill unanimament approva.

Il-Kunsill unanimament approva l-pjan ta' ħidma kif ippreżentat.

**11/06** **<u>KORRISPONDENZA</u>**

11/06/01 ***<u>Tindif u Tħawwil ta' siġar fil-lokal (Ref: 05/0433/10)</u>***

Il-Kunsill ġie mistieden mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA) sabiex jipparteċipa f'attivita' ta' tindif u tħawwil ta' siġar fi Ġnien Kottonera, Bormla. Wara diskussjoni twila u libera, is-**Sindku s-Sur Joseph Scerri** ressaq din ir-riżoluzzjoni:

*"Filwaqt li l-Kunsill japprezza u jieħu gost b'inizjattivi ta' din ix-xorta, ifakkar li huwa għad għandu argument pendenti mal-Gvern fuq l-isem ta' dan il-ġnien li minn dejjem kellu l-isem ta' 'Il-Mixtla ta' Bormla' u mingħajr ebda konsultazzjoni, bidel l-isem għal 'Ġnien Kottonera'. B'żieda ma' dan, il-Kunsill innota li anke fuq il-posters li saru għal din l-attivita', l-isem tal-lokalita' ta' BORMLA ma jidher imkien. Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li ma għandux jipparteċipa f'din l-attivita' sakemm issir laqgħa bil-għan li jkun hemm ftehim dwar it-tismija ta' dan il-ġnien."*

Ir-riżoluzzjoni li ġiet issekondata mill-**Kunsillier Raymond Balzan**, għaddiet għall-votazzjoni u r-riżultat kien hekk:

| | |
|---|---|
| Favur (4): | Is-Sindku Joseph Scerri, Raymond Balzan, Roderick Mamo u John Vella |
| Kontra (1): | James Cauchi |
| Astjenew (2): | Il-Viċi Sindku Alison Zerafa u Pablo Cachia Belli |

Għaldaqstant ir-riżoluzzjoni għaddiet.

Il-Viċi Sindku Alison Zerafa u l-Kunsillier Pablo Cachia Belli ikkummentaw li ma jaqblux li ma nipparteċipawx f'din l-attivita' minħabba l-isem tal-ġnien pero jaqblu li wara l-isem tal-ġnien għandu jitniżżel il-kelma "Bormla". Jifhmu wkoll li s-Sindku kien f'argument qabel ma huma kienu fil-Kunsill.

Il-Kunsillier James Cauchi irrimarka li din il-kwistjoni kienet bdiet żmien ilu u kemm dakinhar u llum għadu ta' l-istess fehma li jaqbel mal-parteċipazzjoni li tirbaħ fuq kull argument fl-interess tal-poplu Bormliż.

11/06/02 ***<u>Talbiet mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ Bormla (KLZB) – (05/0439/10)</u>***

Il-Kunsill Lokali Żgħażagħ Bormla għamel xi talbiet għal għajnuna lill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku awgura l-Kunsillier Roderick Mamo tas-suċċess li kiseb biex jifforma l-Kunsill taż-Żgħażagħ tal-lokal.

Għaldaqstant il-Kunsill approva li nitolbu sponsorship għal fliexken ta' l-ilma kif ukoll li s-Sindku għandu jsib sponsorship għat-tazzi ta' l-attivitajiet li se jsiru.

11/06/03 ***Ħarġiet Edukattivi (05/0393/10)***
Il-Kunsill approva li jsiru ħarġiet edukattivi għat-tfal ta' l-iskola tal-lokal. Ġie approvat li l-Kunsill iħallas Euro 100 għal lecturer u l-ispejjeż tat-trasport filwaqt li jintalab ħlas ta' Euro 1 lil min jipparteċipa.

11/06/04 ***Festival Internazzjonali tal-logħob tan-nar (05/0197/10)***
Il-Kunsill approva unanimament li joħroġ permess lill-Awtorita tat-Turiżmu biex isir il-Festival Internazzjonali tal-logħob tan-nar fil-Port il-Kbir li se jsir fid-29 u 30 ta' April, 2010.

11/06/05 ***Talba għal permess ta' "Keep Clear" (05/0192/10)***
Fuq talba ta' l-avukati tas-Sur Domnic Caruana ta' Hubbard Flats, Flat 2, Block 4, Triq Alessandra, Bormla, il-Kunsill approva li tinżebagħ ma' l-art "KEEP CLEAR" ta' metru w nofs quddiem il-bieb tiegħu biex jitħalla aċċess.

11/06/06 ***Ċaqlieq ta' Road Humps fi Triq Wiġi Rosato (05/0200/10)***
Il-Kunsill approva li jiġi spustjat it-traffic calmer li hemm fi Triq Wiġi Rosato għax jekk isir ieħor ma li hemm ikun ta' nkonvenjent lir-residenti.

11/06/07 ***Użu tal-gronds mill-MUSEUM (05/0265/10)***
Wara talba mis-Superjur tal-MUSEUM tal-lokal, il-Kunsill approva li ngħatu permess għall-użu tal-grounds taħt is-superviżjoni tal-barman inkarigat kif ukoll li ninfurmaw lill-Vassallo Builders.

11/06/08 ***Fanali Ornamentali fi Triq Nelson (05/0359/10)***
Peress li sitt fanali ornamentali biex jitwaħlu fi Triq Nelson skont stima li l-Kunsill kiseb ser jiswew Euro 3300, il-Kunsill approva li nitolbuhom lill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera u l-Ministeru tat-Turiżmu.

11/06/09 ***Ombudsman (J0566) (05/0356/10)***
L-Ombudsman kiteb lill-Kunsill fejn għarrfu li hu kien ikkonsulta lid-Direttur tal-Gvern Lokali li kien infurmaħ li ma jsib l-edba diffikulta jekk il-Kunsill jerġa joħroġ it-talba għal impieg tas-Segretarju Eżekuttiv peress li l-każ ġara qabel l-1 ta' Novembru, 2009.
Il-Kunsill approva unanimament li nirrispondu li peress li l-liġi nbidlet b'effett minn erba' xhur ilu, nipproponu li tressaq il-proposta tiegħek lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jkun jista' jimpjega lis-Sinjura Debbie Cassar billi jpoġġiha fil-pool tas-Segretarji Eżekuttiv.

11/06/10 ***Attivita' għaż-żmien tar-Randan (05/0320/10)***
Wara li l-Kunsillier Pablo Cachia Belli iddikjara li għandu nteress personali peress li min kiteb l-ittra jiġi missieru, il-Kunsill approva li jipparteċipa fil-via sagra li se ssir fi Triq San Ġorġ fil-25 ta' Marzu, 2010.

11/06/11 ***Tismija ta' triq għall-Kan. Victor Cilia***
Il-Kunsill approva li jikkunsidra li jsemmi triq ġdida għall-mibki Kan. Victor Cilia pero żgur li mhux ser tkun Triq il-Gendus.

**11/07** **<u>ĦWEJJEĠ OĦRA</u>**

11/07/01 Il-Kunsill approva li jgħati l-midalja ta' **Ġieħ Bormla lis-Sur Edward Falzon** li kienet approvata mill-Kunsill ta' qabel.

11/07/02 Il-Kunsill approva unanimament li tinkiteb **ittra ta' tifħir lis-Sur Sunny Aquilina**, il-kittieb tal-kanzunetta "My Dream" li rebħet il-festival tal-kanzunetta Maltija għall-Eurovision. Ittra simili għandha tintbagħat ukoll lis-Sur Jason Cassar (kompożitur) u s-Sinjorina Thea Garrett (kantanta).

11/07/03 Ġie approvat li għandha ssir **laqgħa ma' Dr. Josann Cutajar** peress li l-Kunsill ma setax jattendi għall-preżentazzjoni ta' stħarriġ dwar il-ħtiġijiet ta' Bormla li sar fit-28 ta' Jannar, 2010, minħabba l-laqgħa tal-Kunsill li nzertat fl-istess ħin u ġurnata.

11/07/04 Il-Kunsill approva li l-**ftuħ uffiċjali tal-librerija pubblika** għandha ssir fit-18 ta' Marzu, 2010, fid-9.30am. Għandha ssir diskussjoni mas-Surmast ta' l-Iskola Primarja dwar id-data.

11/07/05 Il-Kunsill approva li jsiru dawn ix-xogħlijiet:
(a) Titwaħħal tabell dwar ħmieġ tal-klieb quddiem il-Klabb tar-Regatta
(b) U Channel quddiem, 57, 65 u 66 Triq Matty Grima
(c) Railing f'Bieb Bormla f'nofs it-taraġ
(d) U channel fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq Marjano Gerada għax qegħdin jitilgħu il-karozzi fuq il-bankina u qed jagħlqut-twieqi tar-residenti.
(e) Isiru mill-ġdid bollards fi Triq id-Dejqa u Triq l-Oratorju ma' Triq San Ġorġ

11/07/06 Il-Kunsill unanimament approva li **jitħallas il-kont ta' RACS** għat-tindif tat-toroq għax-xahar ta' Frar, 2010, inkluż extra work. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jwaqqaf is-servizz ta' persuna extra b'effett mill-1 ta' Marzu, 2010.

Fid-9.30pm il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa. Is-Seduta li jmiss ġiet iffissata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu, 2010.

______________
Joseph Scerri
Sindku

______________
Joseph Caruana
A/Segretarju Eżekuttiv